

Brussell, 18 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0249(NLE)

13940/1/19
REV 1

AVIATION 221
RELEX 1020

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
– Adozzjoni

1. Fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea **fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali**, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

2. Il-proposta msemija hawn fuq ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fis-7 ta' Novembru 2019. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-proposta u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE u għamlu kummenti. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ħejjiet it-test ta' kompromess kif jinsab fid-dokumenti 13944/19 (rivedut mill-ġuristi-lingwisti) + ADD1 **REV 1**.
 3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għal konferma mill-COREPER, il-KUNSILL huwa mistieden jadotta d-deċizzjoni kif tinsab fid-dokument 13944/19 u japprova l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE li tinsab fl-addendum ADD1 **REV 1** f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, sabiex tkun tista' tintuża bħala bażi għall-interventi tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO fil-laqgħa tiegħu li jmiss (18-29 ta' Novembru 2019).
-